II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 914/2011

**tat-13 ta' Settembru 2011**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 605/2010 li jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-frażi introduttorja u l-punt (b) tal-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 ([2]) li jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman, jipprevedi li l-kunsinji tal-ħalib mhux ipproċessat u tal-prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman, awtorizzati għall-importazzjoni fl-Unjoni, għandhom jiġu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell xieraq stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness II tiegħu għall-prodott bażiku kkonċernat ("il-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa").

(2) Għandu jiġi ċċarat li r-rekwiżit rigward l-użu tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa previsti f'dak ir-Regolament huwa bla ħsara għar-rekwiżiti speċifiċi ta' ċertifikazzjoni stipulati f'Atti oħra tal-Unjoni jew fi Ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

(3) Il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa jispeċifikaw il-kodiċi tal-prodott bażiku għall-prodotti bażiċi koperti mir-Regolament (UE) Nru 605/2010 fuq il-bażi tad-Sistema Armonizzata tad-Deskrizzjoni u l-Kodifika tal-Prodotti Bażiċi ("il-kodiċijiet HS") tan-nomenklatura tat-tariffa miżmuma mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO).

(4) Ċertu prodotti tal-ħalib koperti mir-Regolament (UE) Nru 605/2010 ma' jaqgħux taħt il-kodiċijiet tal-prodotti bażiċi fil-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa. Sabiex ikun hemm identifikazzjoni aktar preċiża ta' dawk il-prodotti bażiċi fil-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa, huwa meħtieġ li dawk il-mudelli jiġu emendati u jiżdiedu l-kodiċijiet HS nieqsa, b'mod partikolari fir-rigward tal-kodiċijiet HS 35.01 u 35.02 (kaseina, kaseinati u albumini).

(5) Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat fil-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa li r-rekwiżiti rigward ir-residwi tal-antibijotiċi, il-kontaminanti u r-residwi tal-pestiċidi jistgħu jiġu bbażati fuq is-sejbiet tal-programmi uffiċjali ta' monitoraġġ li huma mill-inqas ekwivalenti għal dawk previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(6) Għar-raġunijiet ta' ċarezza u trasparenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jiġu sostitwiti mill-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(7) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 għandu jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, għandu jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:

"Dan ir-Regolament għandu japplika bla ħsara għar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni speċifiċi stabbiliti f'atti oħra tal-Unjoni jew fi Ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi."

(2) L-Anness II għandu jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Għal perjodu tranżitorju sat-30 ta' Novembru 2011, il-kunsinji tal-ħalib mhux ipproċessat u tal-prodotti tal-ħalib li għalihom ikunu ħarġu ċ-ċertifikati tas-saħħa rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jiddaħħlu fl-Unjoni.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fl-Anness II, il-partijiet 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"PARTI 2

***Mudell Milk-RM***

**Ċertifikat tas-Saħħa għall-ħalib mhux ipproċessat minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsub għall-ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel ma jintuża għall-konsum uman.**

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji dwar il-kunsinna mibgħuta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. | | I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. |
| | | I.3. Awtorità kompetenti ċentrali | |
| | | I.4. Awtorità kompetenti lokali | |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | | I.6. | |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini / Kodiċi ISO | I.8. Reġjun ta' oriġini / Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni / Kodiċi ISO | I.10. |
| I.11. Post ta' oriġini<br>Isem / Numru ta' approvazzjoni<br>Indirizz | | I.12. | |
| I.13. Post tat-tagħbija | | I.14. Data tat-tluq | |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun ferrovjarju ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | | I.16. BIP tad-dħul fl-UE | |
| | | I.17. | |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott bażiku | | I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi HS) | |
| | | I.20. Kwantità | |
| I.21. Temperatura tal-prodott<br>Ambjentali ☐ Kiesaħ ☐ Iffriżat ☐ | | I.22. Għadd ta' pakketti | |
| I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur | | I.24. Tip ta' imballaġġ | |
| I.25. Prodotti bażiċi ċċertifikati għal:<br>Proċess ulterjuri ☐ | | | |
| I.26. | | I.27. Għall-importazzjoni jew id-dħul fl-UE ☐ | |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi | | | |

| Impjant tal-manifattura | Għadd ta' pakketti | Speċi (isem xjentifiku) | Piż nett | Numru tal-lott |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

***Mudell Milk-RM***
**Ħalib mhux ipproċessat**

**PAJJIŻ**

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Parti II: Ċertifikazzjoni

**II.1. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2002/99/KE u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 u b'dan niċċertifika li l-ħalib mhux ipproċessat deskritt hawn fuq inkiseb minn annimali:

(a) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali,

(b) li kienu f'pajjiż jew f'parti minnu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u r-rinderpest (pesta tal-bovini) għall-perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data ta' dan iċ-ċertifikat, u fejn ma twettaqx tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu.

(c) ġejjin minn impriżi li ma kenux taħt restrizzjonijiet minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u

(d) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE;

**II.2. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Pubblika**

Jien, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u b'dan niċċertifika li l-ħalib mhux ipproċessat deskritt hawn fuq ġie prodott skont dawk id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari li:

(a) ġej minn impriżi reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u kkontrollati skont l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 854/2004,

(b) ġie prodott, inġabar, tkessaħ, inħażen u ġie ttrasportat skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-iġjene stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) jissodisfa l-kriterji tal-plate count u tal-għadd somatiku taċ-ċelloli stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(d) il-garanziji fuq l-istatus tar-residwi tal-ħalib mhux ipproċessat ipprovduti mill-pjanijiet ta' monitoraġġ għad-detezzjoni tar-residwi jew is-sustanzi ppreżentati skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE, u b'mod partikolari, l-Artikolu 29 tagħha, huma ssodisfati;

(e) skont l-ittestjar għar-residwi ta' farmaċewtiċi antibatteriċi mwettaq mill-operatur tan-negozju tal-ikel skont ir-rekwiżiti tal-Anness III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu I, il-Parti III, il-punt 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, dan jikkonforma mal-limiti massimi tar-residwi għar-residwi tal-prodotti veterinarji mediċinali antibatteriċi stipulati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010;

(f) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi tar-residwi għall-pestiċidi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u l-livelli massimi għall-kontaminanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

**Rimarki**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għall-ħalib mhux ipproċessat minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsub għall-ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel ma jintuża għall-konsum uman.

**Parti I:**

— Kaxxa I.7: Agħti l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew parti minnu kif jidhru fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.

— Kaxxa I.11: Isem, indirizz u numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment li qed jibgħat

— Kaxxa I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera bid-dħul fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi adattat tas-Sistema Armonizzata (HS) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02 jew 04.03.

— Kaxxa I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa I.23: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi.

— Kaxxa I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal in-numru ta' approvazzjoni tal-azjenda/azjendi tal-produzzjoni, iċ-ċentru tal-ġbir jew iċ-ċentru tal-istandardizzazzjoni approvat għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.

**PAJJIŻ**

***Mudell Milk-RM***
**Ħalib mhux ipproċessat**

| | | |
|---|---|---|
| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |

**Parti II:**

— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Tapplika l-istess regola għat-timbri minbarra dawk ibbuzzati fil-karta jew marka tal-ilma.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar):

Kwalifika u titlu:

Data:

Firma:

Timbru:

*Mudell Milk-RMP*

**Ċertifikat tas-Saħħaa għall-prodotti tal-ħalib għall-konsum uman imnissla mill-ħalib mhux ipproċessat minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea**

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji dwar il-kunsinna mibgħuta

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. | I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat — I.2.a.<br>I.3. Awtorità kompetenti ċentrali<br>I.4. Awtorità kompetenti lokali |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO<br>I.8. Regjun ta' oriġini — Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO<br>I.10. |
| I.11. Post ta' oriġini<br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. |
| I.13. Post tat-tagħbija | I.14. Data tat-tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun ferrovjarju ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott bażiku | I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi HS)<br>I.20. Kwantità |
| I.21. Temperatura tal-prodott<br>Ambjentali ☐ Kiesaħ ☐ Iffriżat ☐ | I.22. Għadd ta' pakketti |
| I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur | I.24. Tip ta' imballaġġ |
| I.25. Prodotti bażiċi iċċertifikati għal:<br>Konsum uman ☐ | |
| I.26. | I.27. Għall-importazzjoni jew id-dħul fl-UE ☐ |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi | |

| Impjant tal-manifattura | Għadd ta' pakketti | Speċi (isem xjentifiku) | Piż nett | Numru tal-lott |
|---|---|---|---|---|

***Mudell Milk-RMP***

**PAJJIŻ** **Prodotti tal-ħalib imnissla mill- ħalib mhux ipproċessat għall-konsum uman**

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Part II: Certification

**II.1. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2002/99/KE u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 u b'dan niċċertifika li l-prodotti tal-ħalib deskritti hawn fuq ġew immanifatturati minn ħalib mhux ipproċessat li nkiseb minn annimali:

(a) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali,

(b) li kienu f'pajjiż jew f'parti minnu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u r-rinderpest (pesta tal-bovini) għall-perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data ta' dan iċ-ċertifikat, u fejn ma twettaqx tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu,

(c) ġejjin minn impriżi li ma kenux taħt restrizzjonijiet minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u,

(d) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE;

**II.2. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Pubblika**

Jien, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u b'dan niċċertifika li l-prodott tal-ħalib magħmul mill-ħalib mhux ipproċessat deskritt hawn fuq ġie prodott skont dawk id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari li:

(a) ġie manifatturat minn ħalib mhux ipproċessat li:

(i) ġej minn impriżi reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u kkontrollati skont l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 854/2004,

(ii) ġie prodott, inġabar, tkessaħ, inħażen u ġie ttrasportat skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-iġjene stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(iii) jissodisfa l-kriterji tal-plate count u tal-għadd somatiku taċ-ċelloli stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(iv) jikkonforma mal-garanziji fuq l-istatus tar-residwi tal-ħalib mhux ipproċessat ipprovduti mill-pjanijiet ta' monitoraġġ għad-detezzjoni tar-residwi jew is-sustanzi ppreżentati skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE, u b'mod partikolari, l-Artikolu 29 tagħha,

(v) skont l-ittestjar għar-residwi ta' farmaċewtiċi antibatteriċi mwettaq mill-operatur tan-negozju tal-ikel skont ir-rekwiżiti tal-Anness III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu I, il-Parti III, il-punt 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jikkonforma mal-limiti massimi tar-residwi għar-residwi tal-prodotti veterinarji mediċinali antibatteriċi stipulati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010;

(vi) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi tar-residwi għall-pestiċidi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u l-livelli massimi għall-kontaminanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

(b) ġej minn stabbiliment li jimplimenta programm ibbażat fuq il-prinċipji HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(c) inkiseb minn ħalib mhux ipproċessat li ma għadda minn l-ebda trattament ta' tisħin u l-ebda trattament fiżiku jew kimiku matul il-proċess ta' manifattura,

(d) tgeżwer, sarlu imballaġġ u ġie ttikkettat skont il-Kapitoli III u IV tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(e) jissodisfa l-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel, u

(f) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew ippreżentati skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, ġew issodisfati.

*Mudell Milk-RMP*

**PAJJIŻ** **Prodotti tal-ħalib imnissla mill-ħalib mhux ipproċessat għall-konsum uman**

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Rimarki**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal prodotti tal-ħalib imnissla minn ħalib mhux ipproċessat, minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.

**Parti I:**

— Kaxxa I.7: Agħti l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew parti minnu kif jidhru fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.

— Kaxxa I.11: Isem, indirizz u numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment li qed jibgħat.

— Kaxxa I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). F'każ ta' trasport f'kontejners, in-numru totali tal-kontejners u n-numri tar-reġistrazzjoni tagħhom, u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill, irid ikun indikat fil-kaxxa I.23. Fil-każ ta' ħatt jew tagħbija mill-ġdid, min qed jikkunsinna għandu jinforma lill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera bid-dħul tiegħu fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi adattat tas-Sistema Armonizzata (HS) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.05; 04.06; 17.02; 21.05; 22.02; 35.01; 35.02 jew 35.04.

— Kaxxa I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa I.23: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi.

— Kaxxa I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal in-numru ta' approvazzjoni tal-azjenda/azjendi tal-produzzjoni, iċ-ċentru tal-ġbir jew iċ-ċentru tal-istandardizzazzjoni approvat għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.

**Parti II:**

— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Tapplika l-istess regola għat-timbri minbarra dawk ibbuzzati fil-karta jew marka tal-ilma.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

*Mudell Milk-HTB*

**Ċertifikat tas-Saħħa għall-prodotti tal-ħalib imnissla minn ħalib tal-baqar, ngħaġ, mogħoż u bufli għall-konsum uman minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna B tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea**

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji dwar il-kunsinna mibgħuta**

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. | I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat \| I.2.a.<br>I.3. Awtorità kompetenti ċentrali<br>I.4. Awtorità kompetenti lokali |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini \| Kodiċi ISO<br>I.8. Reġjun ta' oriġini \| Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni \| Kodiċi ISO<br>I.10. |
| I.11. Post ta' oriġini<br>Isem \| Numru ta' approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. |
| I.13. Post tat-tagħbija | I.14. Data tat-tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun ferrovjarju ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott bażiku | I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi HS)<br>I.20. Kwantità |
| I.21. Temperatura tal-prodott<br>Ambjentali ☐ Kiesaħ ☐ Iffriżat ☐ | I.22. Għadd ta' pakketti |
| I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur | I.24. Tip ta' imballaġġ |
| I.25. Prodotti bażiċi ċċertifikati għal:<br>Konsum uman ☐ | |
| I.26. | I.27. Għall-importazzjoni jew id-dħul fl-UE ☐ |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi<br>Impjant tal-manifattura \| Għadd ta' pakketti \| Speċi (isem xjentifiku) \| Piż nett \| Numru tal-lott | |

*Mudell Milk-HTB*

**PAJJIŻ** **Prodotti tal-ħalib imnissla minn ħalib tal-baqar, ngħaġ, mogħoż u bufli għall-konsum uman minn pajjiżi terzi awtorizzati fil-kolonna B**

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Parti II: Ċertifikazzjoni

**II.1. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2002/99/KE u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 u b'dan niċċertifika li l-prodott tal-ħalib deskritt hawn fuq:

(a) inkiseb minn annimali:

(i) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali,

(ii) li kienu f'pajjiż jew f'parti minnu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u r-rinderpest (pesta tal-bovini) għall-perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data ta' dan iċ-ċertifikat, u fejn ma twettaqx tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu,

(iii) ġejjin minn impriżi li ma kenux taħt restrizzjonijiet minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u,

(iv) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE,

(b) għadda minn jew ġie prodott minn ħalib mhux ipproċessat li ġie sottomess għal trattament ta' pasturizzazzjoni li jinvolvi trattament uniku ta' tisħin b'effett ta' tisħin mill-inqas ekwivalenti għal dak miksub minn proċess ta' pasturizzazzjoni ta' mill-inqas 72 C għal 15-il sekonda u fejn applikabbli, biżżejjed biex jiżgura reazzjoni negattiva għal test tal-alkalina fosfatażi applikat immedjatament wara t-trattament ta' tisħin.

**II.2. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Pubblika**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u b'dan niċċertifika li l-prodott tal-ħalib deskritt hawn fuq ġie prodott skont dawk id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari li:

(a) ġie manifatturat minn ħalib mhux ipproċessat li:

(i) ġej minn impriżi reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u kkontrollati skont l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 854/2004,

(ii) ġie prodott, inġabar, tkessaħ, inħażen u ġie ttrasportat skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-iġjene stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(iii) jissodisfa l-kriterji tal-plate count u tal-għadd somatiku taċ-ċelloli stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(iv) jikkonforma mal-garanziji fuq l-istatus tar-residwi tal-ħalib mhux ipproċessat ipprovduti mill-pjanijiet ta' monitoraġġ għad-detezzjoni tar-residwi jew is-sustanzi ppreżentati skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE, u b'mod partikolari, l-Artikolu 29 tagħha,

(v) skont l-ittestjar għar-residwi ta' farmaċewtiċi antibatteriċi mwettaq mill-operatur tan-negozju tal-ikel skont ir-rekwiżiti tal-Anness III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu I, il-Parti III, il-punt 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jikkonforma mal-limiti massimi tar-residwi għar-residwi tal-prodotti veterinarji mediċinali antibatteriċi stipulati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010,

(vi) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi tar-residwi għall-pestiċidi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u l-livelli massimi għall-kontaminanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

(b) ġej minn stabbiliment li jimplimenta programm ibbażat fuq il-prinċipji HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004,

(c) ġie pproċessat, inħażen, tgeżwer, ġie imballat u trasportat skont il-kundizzjonijiet ta' iġjene rilevanti stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Kapitolu II tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(d) jissodisfa l-kriterji rilevanti tas-saħħa stipulati fil-Kapitolu II tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel,

(e) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew ippreżentati skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, ġew issodisfati.

***Mudell Milk-HTB***

**PAJJIŻ**

**Prodotti tal-ħalib imnissla minn ħalib tal-baqar, ngħaġ, mogħoż u bufli għall-konsum uman minn pajjiżi terzi awtorizzati fil-kolonna B**

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Rimarki**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal prodotti tal-ħalib għall-konsum uman minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.

**Parti I:**

— Kaxxa I.7: Agħti l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew parti minnu kif jidhru fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.

— Kaxxa I.11: Isem, indirizz u numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment li qed jibgħat.

— Kaxxa I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). F'każ ta' trasport f'kontejners, in-numru totali tal-kontejners u n-numri tar-reġistrazzjoni tagħhom, u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill, irid ikun indikat fil-kaxxa I.23. Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera bid-dħul fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi adattat tas-Sistema Armonizzata (HS) taħt l-intestaturi li ġejjin 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.05; 04.06; 17.02; 21.05; 22.02; 35.01; 35.02 jew 35.04.

— Kaxxa I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa I.23: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi.

— Kaxxa I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal l-isem u n-numru tal-approvazzjoni tat-trattament u/jew l-istabbiliment(i) approvat(i) tal-ipproċessar għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.

**Parti II:**

— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Tapplika l-istess regola għat-timbri minbarra dawk ibbuzzati fil-karta jew marka tal-ilma.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

*Mudell Milk-HTC*

**Ċertifikat tas-Saħħa għall-prodotti tal-ħalib għall-konsum uman minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna C tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea**

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji dwar il-kunsinna mibgħuta

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. | I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat — I.2.a.<br>I.3. Awtorità kompetenti ċentrali<br>I.4. Awtorità kompetenti lokali |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini Kodiċi ISO — I.8. Reġjun ta' oriġini Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO — I.10. |
| I.11. Post ta' oriġini<br>Isem Numru ta' approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. |
| I.13. Post tat-tagħbija | I.14. Data tat-tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun ferrovjarju ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. |
| I.18. Description of commodity | I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi HS)<br>I.20. Kwantità |
| I.21. Temperatura tal-prodott<br>Ambjentali ☐ Kiesaħ ☐ Iffriżat ☐ | I.22. Għadd ta' pakketti |
| I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur | I.24. Tip ta' imballaġġ |
| I.25. Prodotti bażiċi ċċertifikati għal:<br>Konsum uman ☐ | |
| I.26. | I.27. Għall-importazzjoni jew id-dħul fl-UE ☐ |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi | |

| Impjant tal-manifattura | Għadd ta' pakketti | Speċi (isem xjentifiku) | Piż nett | Numru tal-lott |
|---|---|---|---|---|

PAJJIŻ

**Mudell Milk-HTC**

**Prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi awtorizzati fil-kolonna C**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**II.1. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2002/99/KE u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 u b'dan niċċertifika li l-prodott tal-ħalib deskritt hawn fuq:

(a) inkiseb minn annimali:

(i) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali,

(ii) ġejjin minn impriżi li ma kenux taħt restrizzjonijiet minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u,

(iii) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE,

*(1) jew* [(b) fil-każ ta' prodotti tal-ħalib magħmula minn ħalib mhux ipproċessat li nkiseb minn baqar, ngħaġ, mogħoż jew bufli li qabel l-importazzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, għaddew minn:

*(1) jew* [(i) proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur $F_0$ ta' tlieta jew aktar;]

*(1) inkella* [(ii) trattament ta' temperatura partikolarment għolja (ultra high temperature - UHT) ta' mhux inqas minn 135°C flimkien ma' ħin adattat ta' ħażna;]

*(1) inkella* [(iii) trattament ta' pasturizzazzjoni ta' temperatura għolja u ħin qasir (high temperature short time pasteurisation treatment - HTST) fi 72°C għal 15-il sekonda applikat darbtejn għall-ħalib b'pH daqs jew aktar minn 7.0 li jikseb, meta applikabbli, reazzjoni negattiva għal test ta' alkalina fosfatażi, applikat minnufih wara t-trattament ta' sħana;]

*(1) inkella* [(iv) trattament b'effett ta' pasturizzazzjoni ekwivalenti għall-punt (iii) li jikseb, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test ta' alkalina fosfatażi, applikat minnufih wara t-trattament ta' sħana;]

*(1) inkella* [(v) trattament HTST b'pH inqas minn 7.0;]

*(1) inkella* [[(vi) trattament HTST ikkombinat ma' trattament fiżiku ieħor billi

*(1) jew* [(vi) (1) jitnaqqas il-pH taħt 6 għal siegħa;]

*(1) inkella* [(vi) (2) tisħin addizzjonali ta' 72°C jew iktar, ikkombinat ma' tnixxif;]]

*(1) inkella* [(b) fil-każ ta' prodotti tal-ħalib magħmula minn ħalib mhux ipproċessat li nkiseb minn annimali li mhumiex baqar, ngħaġ, mogħoż jew bufli li qabel l-importazzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, għaddew minn:

*(1) jew* [(i) proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur $F_0$ ta' tlieta jew aktar;]

*(1) inkella* [(ii) trattament ta' temperatura partikolarment għolja (ultra high temperature - UHT) ta' mhux inqas minn 135°C flimkien ma' ħin adattat ta' ħażna;]]

**II.2. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Pubblika**

Jien, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u b'dan niċċertifika li l-prodott tal-ħalib deskritt hawn fuq ġie prodott skont dawk id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari li:

(a) ġie manifatturat minn ħalib mhux ipproċessat li:

(i) ġej minn impriżi reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u kkontrollati skont l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

(ii) ġie prodott, inġabar, tkessaħ, inħażen u ġie ttrasportat skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-iġjene stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(iii) jissodisfa l-kriterji tal-plate count u tal-għadd somatiku taċ-ċelloli stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(iv) jikkonforma mal-garanziji fuq l-istatus tar-residwi tal-ħalib mhux ipproċessat ipprovduti mill-pjanijiet ta' monitoraġġ għad-detezzjoni tar-residwi jew is-sustanzi ppreżentati skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE, u b'mod partikolari, l-Artikolu 29 tagħha,;

(v) skont l-ittestjar għar-residwi ta' farmaċewtiċi antibatteriċi mwettaq mill-operatur tan-negozju tal-ikel skont ir-rekwiżiti tal-Anness III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu 1, il-Parti III, il-punt 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jikkonforma mal-limiti massimi tar-residwi għar-residwi tal-prodotti veterinarji mediċinali antibatteriċi stipulati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010;

*Mudell Milk-HTC*

**PAJJIŻ** **Prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi awtorizzati fil-kolonna C**

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

(vi) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi tar-residwi għall-pestiċidi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u l-livelli massimi għall-kontaminanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

(b) ġej minn stabbiliment li jimplimenta programm ibbażat fuq il-prinċipji HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004,

(c) ġie pproċessat, inħażen, tgeżwer, ġie imballat u trasportat skont il-kundizzjonijiet ta' iġjene rilevanti stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Kapitolu II tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(d) jissodisfa l-kriterji rilevanti tas-saħħa stipulati fil-Kapitolu II tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel,

(e) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew ippreżentati skont id-Direttiva 96/23/KE, u bmod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, ġew issodisfati.

**Rimarki**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal prodotti tal-ħalib għall-konsum uman minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna C tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsuba għal importazzjoni fl-Unjoni Ewropea

**Parti I:**

— Kaxxa I.7: Agħti l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew parti minnu kif jidhru fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.

— Kaxxa I.11: Isem, indirizz u numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment li qed jibgħat.

— Kaxxa I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). F'każ ta' trasport f'kontejners, in-numru totali tal-kontejners u n-numri tar-reġistrazzjoni tagħhom, u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill, irid ikun indikat fil-kaxxa I.23. Fil-każ ta' ħatt jew tagħbija mill-ġdid, min qed jikkunsinna għandu jinforma lill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera bid-dħul tiegħu fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi adattat tas-Sistema Armonizzata (HS) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.05; 04.06; 17.02; 19.01; 21.05; 21.06.90.98; 22.02; 35.01; 35.02 jew 35.04.

— Kaxxa I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa I.23: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi.

— Kaxxa I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal l-isem u n-numru tal-approvazzjoni tat-trattament u/jew l-istabbiliment(i) approvat(i) tal-ipproċessar għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.

**Parti II:**

([1]) Żomm skont il-każ.

— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Tapplika l-istess regola għat-timbri minbarra dawk ibbuzzati fil-karta jew marka tal-ilma.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (bittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

PARTI 3

*Mudell Milk-T/S*

**Ċertifikat tas-Saħħa tal-Annimali għall-ħalib mhux ipproċessat jew il-prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman, għal [tranżitu] / [ħażna] (1) (2) fl-Unjoni Ewropea**

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji dwar il-kunsinna mibgħuta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. | I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. | |
| | I.3. Awtorità kompetenti ċentrali | | |
| | I.4. Awtorità kompetenti lokali | | |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel N° | | |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO | I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO | I.10. |
| I.11. Post ta' oriġini<br>Isem — Numru ta' approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. Pajjiż tad-destinazzjoni<br>Maħżen doganali ☐ Fornitur tal-bastimen ☐<br>Isem — Numru ta' approvazzjoni<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali | | |
| I.13. Post tat-tagħbija | I.14. Data tat-tluq | | |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun ferrovjarju ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | I.16. BIP tad-dħul fl-UE | | |
| | I.17. | | |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott bażiku | I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi HS) | | |
| | I.20. Kwantità | | |
| I.21. Temperatura tal-prodott<br>Ambjentali ☐ Kiesaħ ☐ Iffriżat ☐ | I.22. Għadd ta' pakketti | | |
| I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur | I.24. Tip ta' imballaġġ | | |
| I.25. Prodotti bażiċi ċċertifikati għal:<br>Konsum uman ☐ | | | |
| I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO | I.27. | | |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi<br>Impjant tal-manifattura — Għadd ta' pakketti — Speċi (isem xjentifiku) — Piż nett — Numru tal-lott | | | |

***Mudell Milk-T/S***

**Ħalib mhux ipproċessat jew il-prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum uman għal tranżitu jew ħażna**

**PAJJIŻ**

| II. Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Parti II: Ċertifikazzjoni

**II.1. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li

li l-[ħalib mhux ipproċessat] / [prodotti tal-ħalib](1) (2) għal [tranżitu] / [ħażna](2) fl-Unjoni Ewropea deskritt(i) hawn fuq:

(a) ġej(jin) minn pajjiż jew parti minnu awtorizzat(a) għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat jew prodotti tal-ħalib kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010,

(b) jikkonforma(w) mal-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali rilevanti għall-prodotti kkonċernati kif stipulati fiċ-Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Animali fil-Parti II.1 taċ-ċertifikati mudell [Milk-RM] / [Milk-RMP] / [Milk-HTB] / [Milk-HTC](2) fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 605/2010;

(c) ġie/ġew prodott(i) fi ........................................................................... jew bejn ........................................................................................... u ...............................................................(3).

**Rimarki**

**Part I:**

— Kaxxa I.7: Agħti l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew parti minnu kif jidhru fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.

— Kaxxa I.11: Isem, indirizz u numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment li qed jibgħat. Isem tal-pajjiż tal-oriġini li jrid ikun l-istess bħal dak tal-pajjiż tal-esportazzjoni.

— Kaxxa I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). F'każ ta' trasport f'kontejners, in-numru totali tal-kontejners u n-numri tar-reġistrazzjoni tagħhom, u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill, irid ikun indikat fil-kaxxa I.23. Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera bid-dħul fl-Unjoni Ewropea.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi adattat tas-Sistema Armonizzata (HS) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.05; 04.06; 17.02; 19.01; 21.05; 21.06.90.98; 22.02; 35.01; 35.02 jew 35.04.

— Kaxxa I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.

— Kaxxa I.23: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi.

— Kaxxa I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal in-numru ta' approvazzjoni tal-azjenda/azjendi tal-produzzjoni, iċ-ċentru tal-ġbir jew iċ-ċentru tal-istandardizzazzjoni approvat għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.

**Parti II:**

(1) Ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib ifissru, ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib għall-konsum uman fi tranżitu jew ħażna skont l-Artikolu 12(4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE.

(2) Żomm skont il-każ.

(3) Data jew dati tal-produzzjoni. L-importazzjonijiet ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib ma għandhomx jitħallew meta jkunu nkisbu jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea tal-pajjiż terz jew parti minnu imsemmi(ja) f'I.7 u I.8, jew matul perjodu li matulu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib minn dan il-pajjiż terz jew minn parti minnu.

— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Tapplika l-istess regola għat-timbri minbarra dawk ibbuzzati fil-karta jew marka tal-ilma.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:"

Timbru: